MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru. 416/2002

PULIZIJA
SUPRETENDENT BARTHOLOMEO MULA
VS
ALFRED CIANTAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Ciantar, ta' 54 sena, bin Anthony u Carmen nee' Borg, imwieled il-Belt Valletta nhar il-11 t'April 1948 u residenti Villa Ciantar, Triq Guzeppi Cali, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 394248(M), u akkuzat talli fl-ahhar xhur immedjatament qabel it-12 ta' Settembru 1994, u fl-istess jum f'Malta, (Ta' Qali, Bugibba u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer), xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' diversi oggetti tal-Fidda, li l-valur taghhom jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun

indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gew misruqin mill-fond u cioe' minn 'workshop garage' numerat bl-ittra B, sitwat fi Triq is-Swieqi, Swieqi, limiti ta' St Andrews, ghad-detriment ta' Roger Satariano minn San Pawl tat-Targa.

Akkuzat aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'Ta' Qali, kif ukoll f'Bugibba, bhala detentur ta' Licenzja ta' Argentier u bejjiegh ta' oggetti tad-Deheb u Fidda, biegh, partat, jew xort'ohra ittrasfera jew innegozja f'oggetti tal-Fidda, li ma kinux imbollati bil-Boll xieraq tal-Gvern, li juri t-titolu tal-Fidda uzat fil-manifattura taghhom, jew biegh, partat jew xort'ohra innegozja oggetti tal-Fidda mportata, qabel dawn ma kienu gew imbollati b'Boll xieraq tal-Gvern li juri l-origini taghhom ta' barra minn Malta kif ukoll it-titolu tal-Fidda wzat fil-manifattura taghhom, u dan bi ksur tal-Artiklu 3(1)(a)(b) tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat aktar talli fl-istess postijiet, zminijiet u cirkostanzi, biegh, ta bi bdil jew wera ghall-bejgh jew ghall-bdil oggetti tal-Fidda manifatturati barra minn Malta, minghajr ma kellhom tikketti li juri li huma kienu gew manifatturati barra u fil-kaz ta' oggetti tal-Filugranu, id-data li fiha gew impurtati, u dan bi ksur tal-Artiklu 10(3) tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat aktar talli fl-istess zminijiet, cirkostanzi u postijiet u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Malta, xtara oggetti tal-Fidda, minghand persuna jew persuni mhux maghrufin minnu u dan qabel ma wera dawn l-oggetti lill-Konslu, u dan bi ksur tal-Artiklu 14 tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2005 li fih l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, a fol 8 et seq, jirrizulta illi fis-16 ta' Gunju 1994, il-Pulizija rceviet rapport minn Roger Satariano, dwar serq bi sgass mill-'workshop' tieghu sitwat fi Swieqi Road, Swieqi, minn fejn gew misruqa diversi oggetti tal-fidda, impurtati esklussivament minghand Argentier Taljan. Kienet saret inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr Apap Bologna, u minkejja l-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, dawn kellhom ezitu negattiv.

Ghal habta ta' Settembru 1994, Roger Satariano, id-derubat, avvicina lill-Pulizija u rraporta illi kien mar f'diversi hwienet gestiti mill-imputat fejn ra oggetti tal-fidda li kienu jappartjenu lilu u li kienu parti mis-serqa li grat f'Gunju 1994. Ghaldaqstant, is-Supretendent Mula kien ftiehem ma' Satariano u accedew ghal fuq il-hwienet gestiti mill-imputat flimkien ma' diversi membri tal-Pulizija.

Illi ghaldaqstant, fit-12 ta' Settembru 1994, membri tal-Pulizija accedew fejn Christina Jewelry f'Bugibba, waqt illi s-Supretendent Mula u Satariano marru fil-hanut tal-imputat f'Ta' Qali, fejn Satariano ndika lill-Pulizija certu oggetti tal-fidda li gew elevati. Gie precizat illi f'Ta' Qali, l-imputat kellu zewgt ihwienet, cioe' Alf Ciantar Jewelry Works and Silver Magic Company. Is-Supretendent Mula kompla jixhed illi fuq talba tal-imputat stess, huma kienu wettqu tfittxija fid-dar tal-istess imputat b'ezitu negattiv. L-imputat kien irrilaxxa stqarrija fit-12 ta' Settembru 1994 esebita bhala dokument M3.

**Fil-kors tal-investigazzjoni, giet mitkellma certu Mary Grace Aquilina li kienet is-'sales representative'. Din infurmat lill-Pulizija illi kienet bieghhet xoghol tal-Fidda lill-hwienet tal-imputat, izda qatt ma bieghhet xoghol bhal dak ta' Roger Satariano.**

Fl-istqarrija tieghu, dokument M a fol 15 et seq, l-imputat xehed illi huwa kellu hwienet jisimhom Alf Filigree Jewelry

Works sitwat f'Ta' Qali, u iehor jismu Silver Magic Company, sitwat ukoll f'Ta' Qali, u hanut iehor jismu Christina Jewelry fi Triq il-Pijunieri, Bugibba. Xehed illi huwa kien estenda l-fabbrika f'Ta' Qali fejn ilu jahdem ix-xoghol tal-fidda f'dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin sena. Apparti minn dan, huwa wkoll jixtri oggetti tal-fidda minn barra minn Malta, u dan jixtrih minghand agenti bhal Gaba Diamonds, Sterling Jewelry, Intergold kif ukoll minghand certu Joseph Meli.

L-imputat stqarr illi kienet dahlet persuna fil-hanut tieghu, indikatlu z-'zodiac signs', u nfurmatu li dawk iz-'zodiac signs' kienu propjeta' taghha, liema propjeta' kienet giet misruqa mill-hanut tieghu. L-imputat stqarr illi huwa wkoll kien vittma ta' serq mill-propjeta' tieghu u stqarr illi huwa qal lil din il-persuna l-manjiera li biha huwa jixtri d-deheb u l-fidda, u cioe' kif jigu s-'sales representatives' ghandu u hu jaghzel u jhallas dak il-hin kontra ricevuta. L-imputat xehed illi dwar il-hanut Silver Magic dan huwa gestit minn tfal ta' hutu u li kien hemm ftehim fis-sens illi l-imputat jissuplixxi lil dan il-hanut bix-xoghol tal-fidda mahdum bl-idejn hawn Malta, u ghar-rigward xoghol minn barra, dawn jiehdu hsieb u jixtru huma. Ghar-rigward ta' Christina Jewelry f'Bugibba, u Alf Filigree Works f'Ta' Qali, l-imputat stqarr illi ghar-rigward tax-xoghol tad-deheb u fidda, jiehu hsieb kollox hu.

Mitlub jghid meta xtara l-oggetti tal-fidda illi gew maqbuda mill-Pulizija u kellux ricevuti ghalihom, l-imputat stqarr li ma setax jghid meta xtrahom ghaliex kienu esposti ma' xoghol iehor f'diversi vetrini. Rigward xoghol minghand barranin, l-imputat jghid li gieli kienu gew xi Taljani b'xi xoghol bhal dan, pero' kienu okkazjonijiet rari hafna fejn huwa nnegozja ma' dawn il-persuni. Fl-okkazjonijiet fejn huwa xtara minghand it-Taljani, l-imputat stqarr illi dawn l-oggetti kien ikollhom il-Boll tal-Konslu ghaliex **'kieku ma nesponihomx fil-vetrina ghall-bejgh.'** L-imputat ipprometta illi jaghmel il-verifiki tar-ricevuti ghall-oggetti maqbuda mill-Pulizija, anke mal-'accountant' tieghu.

A fol 18, PC 282 Pierre Grech ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 6 tal-process verbal.

**PS 673 Joseph Mallia, xehed illi ma setax jaghmel xoghol komparattiv tal-impronti digitali elevati minn PS Pierre Grech ghaliex kellhom l-apparat bil-hsara.**

Anthony Cassar, Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ikkonferma illi fid-data in kwistjoni huwa kien Spettur tac-CID u kien assista lis-Supretendent Mula fil-kaz odjern. Xehed illi l-Pulizija kellhom rapport minghand Satariano u li kien acceda fil-hwienet tal-imputat f'Ta' Qali u Bugibba, u mbaghad ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat f'Hal Tarxien. Anthony Cassar xehed illi kienu elevaw xi affarijiet miz-zewgt ihwienet imsemmija pero' fid-dar tal-imputat it-tfittxija kienet fin-negattiv. Huwa kkonferma illi wara dan, l-imputat kien irrilaxxa stqarrija u kkonferma din l-istqarrija dokument M.

PS 726, a fol 24 tal-process, ikkonferma li huwa kien gie moghti struzzjonijiet minghand is-Supretendent Mula u l-Ispettur Cassar sabiex jaccedu fil-hanut Christina Jewelry Shop, u jissorveljaw li ma johrog xejn minn dak il-hanut.

PS 57 Raymond Caruana, a fol 26, xehed illi kien akkumpanja lis-Supretendent Mula f'hanut Ta' Qali fil-Crafts Village, flimkien mad-derubat Satariano, gharaf lill-imputat bhala l-propjetarju ta' dawn il-hwienet, u kkonferma illi apparti Ta' Qali, kienu marru wkoll f'hanut Bugibba, Pioneer Road bl-isem ta' Christina Jewelry Shop. Huwa kkonferma illi minn dawn il-hwienet kienu gew elevati xi oggetti tal-fidda li kien gharaf l-istess derubat.

Roger Satariano, a fol 28, xehed illi huwa kellu 'business part time' bhala mportatur tal-oggetti tal-fidda u li f'Gunju tal-1994, kien ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija in segwitu ta' serq minn 'garage/store' tieghu sitwat fi Swieqi Road, Valley Road, Swieqi. F'din is-serqa kienu naqsulu l-oggetti tal-fidda kollha. Roger Satariano xehed illi kienu gew il-Pulizija u sahansitra elevaw xi 'finger prints' pero' l-bicca kienet waqfet hemm. Illi in segwitu, f'Settembru tal-1994 kien dahal go hanut Ta' Qali b'kumbinazzjoni, u hemmhekk kien gharaf oggetti tal-fidda li kienu

jappartjenu lilu, staqsa lil sid il-post minn fejn kien akkwista dawn l-oggetti, u ha r-risposta illi dawn l-oggetti kienu mixtrija minghand Taljan, u nfurmah **'jekk jerga' jigi dan it-Taljan nghidlek'** (ara fol 39).

Is-Sur Satariano ddecieda li jmur ghand il-Pulizija u jaghmel rapport. Wara dan, huwa kien acceda f'dawn il-hwienet flimkien mas-Supretendent Mula fejn hu (Satariano) kien identifika l-oggetti tal-fidda illi dehrlu li kienu jappartjenu lilu. Fuq mistoqsija tal-Qorti:

**'Mistoqsija: F'Settembru 1994 kien hemm importaturi ohra li kienu jimpurtaw dak ix-xoghol?**
**Risposta ta' Satariano: Sa dak iz-zmien li jien sibt ix-xoghol, beda gej ix-xoghol but it was very close, ma nistax nghid jekk kienx ftit qabel jew ftit wara.' (ara fol 39), 'dawn huma zgur tieghi' (ara fol 30).**

Roger Satariano kkonferma illi huwa kien diga' xehed quddiem il-Perit Richard Aquilina u kien tah id-dokumentazzjoni kollha tal-importazzjoni u tal-manifattura li kellu 'in stock'. Roger Satariano jkompli jixhed is-segwenti:

**'Meta jien imbaghad mort Ta' Qali u sibt dan ix-xoghol, inzilt f'hanut iehor tal-istess 'owner' f'Bugibba, u kien hemm hafna xoghol li kien tieghi fl-armatura. L-ghada li kont ghamilt ir-rapport, ahna ergajna nzilna Bugibba u dak ix-xoghol kien tnehha mill-armatura, ma sibtux.'**

Satariano xehed, a fol 31, li huwa kien ircieva ittra anonima li kienet ittajpjata, fejn gie nfurmat illi l-oggetti tal-fidda misruqa kienu gew mixtrija minn certu Ciantar go post f'San Pawl il-Bahar, ghas-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7000). Roger Satariano kkonferma illi l-ammont ta' 'stock' misruq minn ghandu f'Gunju tal-1994, kien **jammonta ghal erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000).** Roger Satariano kkonferma x-xhieda tieghu moghtija fl-inkjesta.

**Ghandu jigi rilevat illi mix-xhieda ta' Roger Satariano moghtija fl-inkjesta, l-ammont globali tas-serq tal-'stock' tal-fidda kien gie stmat hamest elef Lira Maltin (Lm5000). Roger Satariano gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ghandu kienu twettqu t-tfittxijiet tal-Pulizija.**

A fol 34, Roger Satariano gie muri l-oggetti tal-metal prezzjuz maqbuda mill-Pulizija, u kien f'pozizzjoni jaghraf tlett oggetti bhala dawk li **kienu jappartjenu lilu mija fil-mija u dawn kienu brazzuletta u zewg domni, illi gew immarkati bhala esebit MS u MX**. Apparti dawn it-tlett oggetti, Roger Satariano kellu d-dubji fuq l-oggetti kollha li gew maqbuda mill-Pulizija, minkejja li dawn kienu gew indikati minnu lill-istess Pulizija. Jirrizulta wkoll illi kien hemm xi brazzuletta ohra illi Roger Satariano kien indika lill-Pulizija bhala dubjuza fl-istadju tal-investigazzjoni (ara xhieda a fol 35).

PS 1414 Andrew Zammit, ikkonferma illi l-hwienet Silver Magic Company u Alf. Filigree Jewelry Works huma licenzjati f'isem Alfred Ciantar.

Mary Grace Aquilina, a fol 39, ikkonfermat illi hija kienet tahdem bhala 'sales girl' ma' Roger Satariano, u kienet tbiegh f'hafna hwienet f'Bugibba, Mellieha, Ta' Qali, Rabat u Zurrieq, u postijiet ohra. **Hija kkonfermat illi qatt ma bieghhet oggetti tal-fidda lil Alf. Filigree Works jew Christina Jewelry f'Bugibba izda kienet bieghhet lil Silver Magic Company ta' Ta' Qali**. Hemmhekk hija kienet innegozjat ma' wiehed mill-impjegati pero' qatt ma kienet innegozjat mal-imputat. **Mary Grace Aquilina kkonfermat illi hija kienet l-uniku 'sales girl' mal-kwerelant Satariano**.

PC 550 George Zammit, a fol 44, ikkonferma r-ritratt dokument G2 a fol 8 tal-process verbal.

WPC 30 Connie Apap, ipprezentat kopja tal-licenzja tal-imputat Alfred Ciantar dwar il-'huts' 89, 90 u 91 ta' Ta' Qali Crafts Village, u kkonfermat illi l-imputat kellu licenzja biex jimmanifattura deheb u fidda u prodotti tal-Filigrano

f’dawn l-imsemmija ‘huts’. Il-licenzji gew esebiti bhala PC1 u PC2.

WPC 79 Anna Mallia Thompson esebiet dokument AC, u cioe’ licenzja ta’ Christina Jewelry.

Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinstab a fol 10 et seq tal-process verbal.

Fit-tieni xhieda ta’ Roger Satariano, a fol 68 et seq, esebixxa dokument RSX, fotokopja ta’ immagini ta’ kwantita’ ta’ domni li kellu fl-‘stock’ tieghu.

Perit Richard Aquilina, a fol 73, ikkonferma dokument RA.

Fit-tielet xhieda ta’ Roger Satariano, a fol 141 et seq, l-istess Satariano gie mitlub jezamina d-dokumenti esebiti mar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, u cioe’ dokumenti RS-RS37, u f’dawn id-dokumentazzjoni, hemm ‘highlighted’ bl-orangjo l-oggetti kollha illi l-kwerelant Satariano kellu fil-pussess tieghu mmedjatament qabel is-serqa ta’ Gunju 1994.

A fol 144, il-kwerelant Satariano kkonferma illi whud mill-‘stock’ li kellu mmedjatament qabel is-serqa ta’ Gunju 1994, filfatt kienu gew impurtati fis-16 ta’ Mejju 1990. **Roger Satariano kkonferma illi mill-1990 sal-1994 huwa kien biegh xi whud minn dawn l-oggetti pero’ mhux ammonti kbar.** Huwa kkonferma li dan il-bejgh kien isir permezz tas-‘sales person’ tieghu. Roger Satariano kkonferma wkoll illi huwa kellu ktieb li juri l-manifattura tal-‘stock’ kollu li kellu izda huwa kien vittma ta’ ‘hold up’ u dan il-ktejjeb kien gie misruq f’dan l-istess ‘hold up’.

Perit Richard Aquilina, a fol 151, esebixxa dokument RAX ir-relazzjoni tieghu dwar din il-‘hold up’ fuq Roger Satariano illi twettqet fi Triq il-Hgejjeg, Bugibba fit-30 t’Awissu 1996.

Louis Sant Angelo, a fol 166 et seq, Konslu, xehed illi huwa nkarigat sabiex jiehu hsieb l-oggetti mpurtati jew

mahduma minn barra jigu mpurtati kif trid il-ligi. Huwa kkonferma wkoll illi zewg brazzuletti kontenuti fl-esebiti M1 (u appartati bhala esebit MZ fl-istess esebit M1) ma kellhomx Boll kif suppost, izda l-gojjelli kollha murijin fl-esebit M2 u l-gojjelli fl-esebit MX kienu kollha mbolliti regolari. Il-Konslu kkonferma illi bejn is-16 ta' Gunju 1994 u t-12 ta' Settembru 1994, is-Sur Ciantar ma pprezenta l-ebda xoghol imputat minn barra ghall-Boll ghandu (ghand il-Konslu) kif jidher minn dokument K1-K9.

**John Mallia, a fol 184, ta stima tal-oggetti maqbuda u esebiti mill-Pulizija f'ammont ta' sitt mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm633) (ara dokument JM a fol 185).**

Fit-tieni xhieda taghha, Mary Grace Cordina Zammit nee' Aquilina, a fol 189 et seq, ikkonfermat **illi waqt illi hija kienet 'sales representative' tahdem ma' Roger Satariano, hija kienet tbiegh oggetti tal-fidda lill-hanut Silver Magic, Ta' Qali, u dan b'mod regolari, bi frekwenza ta' darba fix-xahar.** Mary Grace Cordina Zammit xehdet illi hija ma baqghetx tahdem ma' Roger Satariano u bdiet tahdem ghal rasha. Mary Grace **giet murija l-oggetti li jinstabu a fol 89-120 tal-process u gharfet xi whud minnhom bhala dawk li hija kienet bieghhet mill-hanut Silver Magic** (ara fol 192). Giet esebita wkoll dokument GZ li hija 'invoice' mahruga mill-istess Mary Grace Cordina Zammit nee' Aquilina, mill-hanut Silver Magic. Ix-xhud ikkonfermat illi hija qatt ma nnegozjat personalment mal-imputat, u li z-'zodiac signs' u 'letterings' tal-metal prezzjuz kienu mpurtati esklussivament minn Roger Satariano.

L-imputat Alfred Ciantar, a fol 197 et seq, xehed illi huwa kellu fabbrika li timmanifattura xoghol ta' deheb u fidda. Apparti l-fabbrika huwa kellu zewgt ihwienet f'Ta' Qali u kellu iehor f'Bugibba. Il-hanut Silver Magic li huwa licenzjat f'ismu (l-imputat), kien immexxi minn Alan Robinson ghaliex l-imputat kien ikun fuq ix-xoghol ta' manifattura tad-deheb, u kellu ghoxrin haddiem taht idejh. Il-hanut Silver Magic kien ikollu xoghol ta' deheb u fidda hafif li kienu jixtru t-turisti.

L-imputat xehed illi ftakar li kien gie l-kwerelant ghandu u lmenta li xi oggetti li kellu fil-hanut indikat kienu filfatt oggetti tieghu u li kienu gew misruqa xi zmien qabel. L-imputat xehed illi ma tantx ta kaz ta' dan, stante illi l-oggetti li kien indikalu l-kwerelant kienu mmanifatturati barra minn Malta, fejn kienu jimmanifatturaw miljuni ta' kull oggett. L-imputat xehed illi wara dan, kien rega' gie Roger Satariano fil-hanut tieghu flimkien mal-Pulizija, fejn beda jaghzel oggetti tad-deheb u fidda mill-hanut tieghu, izda ma kienx deciz. **Tant hu hekk illi kienu cemplulu l-Pulizija sussegwentement ghal dan, fejn irritornawlu xi oggetti tal-metal fin ghaliex Satariano kien iddecieda li filfatt ma kinux tieghu.**

L-imputat xehed illi s-'sales girl' ta' Roger Satariano kienet filfatt habiba tal-istess Satariano, u li sussegwentement dawn ma baqghux jahdmu flimkien, u li Robinson kien baqa' jixtri minghand Mary Grace u mhux minghand Satariano. L-imputat xehed illi missier Alan Robinson kien filfatt jehodlu hsieb tal-pagi, waqt illi l-'accountant' tieghu kien is-Sur Privitera li kien jehodlu hsieb tal-'end of the year accounts'.

L-imputat, b'mod l-aktar vociferu, innega illi l-kwerelant qatt ma' seta' jidentifika xoghol impurtat minn barra bhala proposta esklussiva tieghu ghaliex dak it-tip ta' xoghol kien jigi manifatturat f'ammonti kbar hafna. L-imputat ikkonferma wkoll illi huwa, **fiz-zmien meta ghamel l-istqarrija tieghu, kien ghadu ma jafx illi whud mill-hwienet tieghu kienu filfatt jixtru minghand Satariano.** Huwa kkonferma wkoll, a fol 208, illi f'Ta' Qali, huwa kellu iktar hwienet cioe' bl-ismijiet ta' Anthony Jewelry, hanut li huwa gestit mit-tifel tieghu.

Mitlub jghid ghaliex ma kienx informa lill-Pulizija li kellu dan il-hanut l-iehor, l-imputat xehed illi l-Pulizija kienu staqsewh x'permessi ta' hwienet kellu, u hu kien tahom ir-risposta. Il-hanut Anthony Jewelry kien dejjem f'isem it-tifel tieghu. Mitlub biex jispjega kif iz-'zodiac signs' u ittri tal-alfabet li kienu misruqa nstabu ghandu, l-imputat xehed illi huwa kien jixtri minghand diversi nies u bhal dak

ix-xoghol kellu kulhadd, inkluz Mary Grace nee' Aquilina li kienet it-tfajla ta' Roger Satariano.

Alan Robinson, a fol 211 et seq, ikkonferma illi hu ghamel certu zmien jahdem mal-imputat, mill-1985 u 1995, f'hanut tal-imputat li kien jismu Silver Magic f'Ta' Qali, u kien jiehu hsieb ta' dan il-hanut huwa personalment. Ghar-rigward tal-oggetti tad-deheb, huwa xehed illi l-imputat kien il-persuna illi jmexxi dan il-qasam, waqt li hu kien jiehu hsieb tax-xoghol irqiq tal-fidda b'valur zghir. Dan kien jixtrih minghand l-agenti li kien jaf hu, kien hemm xi tlett agenti li kienu jigu darba fil-gimgha bix-xoghol irqiq, inkluz certu Turu tal-Gaba Diamonds, Roger Satariano u l-habiba tieghu. Alan Robinson xehed, a fol 213, illi mhux l-ewwel darba li kien jonqoslu xi haga mill-hanut u kien imur il-fabbrika tal-imputat, jinfurmah li kien naqaslu certu oggett u kienu jiskambjaw ix-xoghol per ezempju jiehu bi tlett mitt (300) gramma xoghol minghand l-imputat u jigi mpartat b'xoghol tal-istess kwalita' (ara xhieda a fol 214).

Alan Robinson xehed illi Satariano kien jigi b'regolarita' ta' darba fil-gimgha, u dan ghal zmien konsiderevoli. Robinson xehed illi wara certu zmien Satariano u Mary Grace Aquilina kienu nfirdu u li huwa mbaghad baqa' jixtri minghand Mary Grace Aquilina li kienet tbiegh l-istess generu ta' xoghol. Alan Robinson ikkonferma dokument GZ, u rigwardanti r-ricevuti l-ohra, Robinson xehed illi kien gabar ir-ricevuti kollha fuq struzzjonijiet tas-Sur Ciantar u ghaddihomlu u sussegwentement, is-Sur Ciantar kien qallu li tilifhom u talbu biex jerga' jipprova jsib iktar u filfatt Robinson kien sablu dokument GZ. Robinson xehed, a fol 217, illi x'aktarx Mary Grace Aquilina bdiet tigi wahedha ghal habta tal-bidu tal-1991.

Robinson xehed illi meta kien jigi Satariano kien jigi bil-basktijiet u l-bagalji biex hu (Robinson) jkun jista' jaghzel. Kien ikollu brazzuletti u gizirajjen u xogholijiet simili.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat jinstab akkuzat b'ricettazzjoni u b'offizi taht il-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti Boll minn Konslu

fuq oggetti ta' metal fin. Din il-Qorti sejra biex tikkunsidra l-ewwel akkuza.

L-akkuza ta' ricettazzjoni hija dik mahsuba fl-Artiklu 344 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi:

*'Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinstab hati…*
*(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq bil-piena ta' serq skond il-valur tal-haga...'*

Biex dan ir-reat jissussisti, il-Prosekuzzjoni hija fid-dover li tipprovdi illi l-imputat, **fil-mument** ta' ricettazzjoni kien **jaf** illi l-oggetti ricettati kienu gejjin minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor. Dan l-element tax-xjenza mehtieg fir-ricettatur tirrigwardja l-provenjenza kriminuza generika u ma tirriflettix ghad-dettall specifiku tar-reat principali izda jista' jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari.

Jinghad illi s-semplici suspett tal-imputat fil-provenjenza llegittima tal-oggetti li jkun ser jixtri jew jilqa' ghandu minghajr verifiki mehtiega dwar dik il-provenjenza, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghaliex f'certi kazijiet tista' tkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali tar-reat ta' ricettazzjoni izda wahdu qatt ma hu bizzejjed.

Huwa mifhum illi in oltre, il-prova ta' ommissjoni tad-diligenza tal-buon padre di familia mhijiex bizzejjed, izda jrid jigi pruvat n-negligenza li tkun fi grad li tammonta ghal 'criminal negligence'. Mehud in konsiderazzjoni dan il-grad gholi li jrid jintlahaq mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom:

**(1)** illi l-kwerelant Roger Satariano matul l-investigazzjonijiet u anke matul ix-xhieda quddiem din il-Qorti, kien indeciz ghall-ahhar dwar **liema mill-oggetti elevati mill-hwienet tal-imputat allegatament**

**jappartjenu lilu**. Infatti fl-investigazzjonijiet wara li kien ghazel diversi oggetti tad-deheb mill-hwienet tal-imputat, fl-istess mori tal-investigazzjoni kien irritorna ammont konsiderevoli ta' dawn l-oggetti **ghaliex filfatt ma kienx cert li dawn kienu jappartjenu lilu u cioe' kienu parti mill-'stock' tas-serqa ta' Gunju 1994;**

(2) l-istess Roger Satariano filfatt deher indeciz ghall-ahhar meta gie muri r-residwu tal-oggetti illi l-kwerelant stess kien ghazel mill-hwienet tal-imputat u li jghid li kienu jappartjenu lilu u kienu parti mill-'stock' fil-garaxx li gie misruq f'Gunju tal-1994. Infatti mill-oggetti kollha illi jidhru f'dokument JM a fol 185, l-imputat ghazel biss brazzuletta u zewg domni illi gew immarkati b'referenza esebit MZ li kienu kontenuti mal-'batch' l-esebit M1;

(3) illi Roger Satariano minkejja li jitkellem li kien jimporta certu xogholijiet ta' deheb u fidda b'mod esklussiv minn barra, ma gab ebda prova ta' din l-esklussivita'. Din kellha ssir jew permezz ta' ittri rogatorji jew billi jigi l-agent Taljan biex jaghti x-xhieda tieghu hawn Malta;

(4) ingabu provi mill-imputat illi juru illi filfatt il-kwerelant Roger Satariano personalment kien ibiegh, u dan b'mod regolari, oggetti ta' deheb u fidda lil Alan Robinson fil-hanut Silver Magic jew ukoll mis-'sales representative' Mary Grace nee' Aquilina. Prova ta' dan hemm dokument GZ;

(5) illi gie ppruvat (ara xhieda tal-kwerelant Satariano a fol 144 et seq), illi l-kwerelant Satariano kien importa parti mill-'stock' li gie misruq fis-16 ta' Gunju 1994, **fis-16 ta' Mejju 1990**, l-istess kwerelant ikkonferma illi minn dan l-'stock' huwa kien biegh xi whud mill-oggetti izda mhux f'ammonti kbar.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-parti tat-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni li tinstab ghall-ahhar paragrafu ta' fol 225 u 226 sal-ewwel paragrafu ta' fol 227, ghal dak li huwa tejorija tar-'recent possession' u kif din tapplika ghal serq jew ricettazzjoni. Il-Qorti rat u ezaminat id-diversi sentenzi citati b'sostenn ta' dan. It-tejorija ta' 'recent possession', fil-kaz in ezami, bir-rispett kollu ma tantx tregi. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet pero' primarjament ghall-fatt illi ma giex sodisfacjentament

provat li nstabu oggetti **misruqa** fil-pussess tal-imputat, u dan ghar-raguni tal-indecizjoni kbira li wera l-kwerelant matul l-investigazzjonijiet u quddiem din il-Qorti. Infatti, minn kwantita' kbira ta' oggetti ta' deheb u fidda, il-kwerelant seta' biss (jekk wiehed anke ghandu jemmen dan), jidentifika brazzuletta u zewg domni ta' prezz zghir hafna (ara dokument JM a fol 185 tal-process).

In oltre, f'dan il-kaz, il-pussess, jekk wiehed jista' jghidlu hekk, ma jistax jissejjah bhala wiehed recenti ghaliex kien ghadda trapass ta' zmien konsiderevoli mis-16 ta' Gunju 1994 ghat-12 ta' Settembru tal-1994. Apparti dan kollu, it-tejorija tar-'recent possession' ma tistax tissussisti jekk kemm-il darba l-imputat jaghti spjegazzjoni valida ta' kif gie fil-pussess ta' dawk l-oggetti. F'dan il-kaz din saret anke permezz tad-dokumentazzjoni anke kif jidher minn dokument GZ, u giet sostanzjata wkoll mix-xhieda ta' Mary Grace Cordina Zammit nee' Aquilina.

Illi fil-kamp kriminali, il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha sal-grad probatorju 'beyond reasonable doubt'. Dan ma jfissirx 'proof beyond a shadow of a doubt'. Infatti, kif tajjeb irrilevat il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha:

**'The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of Justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'Of course is it possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.' (vide Cross and Tapper page 158 of 8$^{th}$ Edition, per Miller vs Minister of Pensions).**

Fil-kaz in ezami, dan il-livell probatorju nfatti ma ntlahaqx mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat qanqal ukoll id-Difiza ta' preskrizzjoni. Din il-Qorti rat u kkunsidrat l-Artiklu 334(a), l-Artiklu 279(b) u 280(2), Artikli 688(c), 689, 690, 693(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien mal-insenjament fil-kawza Il-

Pulizija Spettur Marco Mallia vs Paul Vella datata 18 t'April 2000, fejn gie ritenut illi l-preskrizzjoni kienet marbuta mal-piena applikabbli ghar-reat kif dedott fl-akkuza. Dan gie wkoll rifless minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Regina vs Geraldu Cassar, Pawlu Tedesco, Emanuel Camilleri u Vincent Spiteri, deciza fit-2 ta' Lulju 1975, fejn gie ritenut illi ghal finijiet ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, wiehed ghandu joqghod biss ghar-reat kif dedott fl-akkuza u mhux kif jista' jirrizulta mix-xhieda u mill-provi.

Illi ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad id-Difiza ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza.

Jibqa' biss biex jigi ezaminat ir-reati dedotti kontra l-imputat taht il-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi l-oggetti tad-deheb kollha maqbuda mill-Pulizija mill-hwienet tal-imputat u li gew esebiti in atti fil-kawza odjerna, kien hemm biss zewg brazzuletti kontenuti fl-esebit M1 u appartat bhala l-esebit MZ li ma kellhomx Boll. Pero' fl-istess hin, l-istess Konslu kkonferma illi l-imputat mis-16 ta' Gunju 1994 sat-12 ta' Settembru 1994 ma pprezenta l-ebda xoghol lilu sabiex dan jigi mbollit. Jirrizulta ampjament ukoll illi ghar-rigward tal-oggetti manifatturati minn barra, **l-imputat ma kienx jimporta dan it-tip ta' oggetti tad-deheb**, u kien jixtrihom biss permezz ta' agenti minn Malta, li jkunu responsabbli **<u>huma</u>** biex jiksbu dan il-Boll.

Illi ghaldaqstant, anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tarax kif tista' ssib htija fl-imputat ghall-akkuzi li jaqghu taht il-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------